**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Mejju, 2017

Rikors Nru : 556/16AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) t'April tas-sena elf disgha mija disgha u sebghin (1979) (ara Dok. A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, N u R ahwa D, li llum huma maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Jeannette Laferla Saliba mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) (ara Dok. B anness);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi minbarra li l-partijiet ilhom tnejn u ghoxrin (22) sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f’dan l-istadju, stante illi l-ulied illum huma kollha maggorenni u ‘l fuq minn tlieta u ghoxrin sena;

Illi kwalunkwe manteniment dovut lill-esponenti jithallas regolarment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligi ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li permezz taghha iddikjara :

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ April tas-sena elf disgha mija disgha u sebghin (1979) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, N u R, li llum il-gurnata, it-tnejn huma maggorenni;
2. Illi huwa minnu ukoll li ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Jeannette Laferla Saliba u dan mill-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993);
3. Illi l-esponenti huwa tal-fehma li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u t-tnejn ghandhom hajja indipendenti minn xulxin;

4. Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, diment li l-esponenti ma jaghmilx tajjeb ghall-ispejjez ghar-rikorrenti f'dawn il-proceduri;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Novembru, 1993 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.